MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta ta' l-24 ta' Ottubru, 2005

Citazzjoni Numru. 355/2005

HSBC Bank Malta p.l.c.
vs
Catherine Grech Mallia u Michelle Grech Mallia u ghall-kull interess li jista' jkollhom; Dr Leslie Cuschieri u l-PL Hilda Ellul Mercer b'digriet tat-30 ta' April, 2003 gew nominati kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lis-socjeta` P. Buffa & Company Limited

Il-Qorti,

**A. CITAZZJONI:**

Rat ic-citazzjoni tal-bank attur li biha ppremetta:

Peress illi b'diversi kuntratti fl-atti tan-Nutar Dr. Henri Vassallo u tan-Nutar Dottor Marco Farrugia il-Bank attur kien avvanza b'titolu ta' self u overdraft lis-socjeta` P. Buffa & Company Limited l-ammont ta' Lm407.581.18, kif deskritt f'kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu tad-9 ta' Novembru 2003 fl-atti tan-Nutar Dottor Tonio Spiteri – Dok. A prezentata mac-citazzjoni;

Peress illi in kawtela tal-obbligi assunti mis-socjeta` konvenuta dina kienet tat lill-Bank attur ipoteki generali kif ukoll ipoteka specjali numru 10727/92 fuq inter alia s-sit tal-blokk flats Covo d'Aquila, New Street off Mrabat Lane Sliema (Dok. B kopja tan-nota ipotekarja prezentata mac-citazzjoni);

Peress illi l-ammont dovut mis-socjeta` konvenut lill-Bank attur huwa llum ta' Lm96.701.61 komprizi l-imghax sas-26 ta' Marzu 2003 skond ma kien irrizulta mill-prospetti prezentati mac-citazzjoni Dok Ciii, Div, Ev, Fvi, Gvii, Hviii, Iix, Jx liema prospetti kienu juru wkoll l-ammont dovut fis-snin 1993 u 1994 meta allegatament saret il-kirja;

Peress illi fost l-assi li kellha s-socjeta` konvenuta kien hemm l-appartament internament numerat hamsa (5) formati parti minn blokk ta' bini li jismu "Covo D'Aquila" fi Triq Gdida, li tiehu ghall-Imrabat Street, Sliema inkluza parti indiviza tal-partijiet komuni ta' l-istess blokk kif kellu jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Peress illi l-imsemmi appartament  u parti indiviza tal-partijiet komuni kienu gew liberati favur il-Bank attur fis-16 ta' Novembru 2000 fl-atti tas-Subasta Nru. 11/98 fl-ismijiet "Mid-Med Bank p.l.c. vs P. Buffa & Company Limited" (Dok K u Lxi);

Peress illi l-imsemmi appartament kien jinsab okkupat miz-zewg konvenuti Catherine Grech Mallia u Michelle Grech Mallia;

Peress illi l-konvenuta Catherine Grech Mallia kienet tipprettendi li ghandha titolu ta' lokazzjoni li jidderiva minghand is-sid precedenti ta' l-appartament P. Buffa & Company Limited fuq l-istess appartament versu l-kera ta' (mija u ghoxrin lira Maltija) Lm120.00 fis-sena;

Peress illi anke kieku wiehed kellu jammetti li l-imsemmija Catherine Grech Mallia kellha t-titolu ta' lokazzjoni li tippretendi, din il-lokazzjoni saret bi frodi ghad-drittijiet tal-Bank attur peress illi, fost ragunijiet ohra kienet tnaqqas drastikament il-valur ta' l-istess appartament, li fuqu l-

Bank attur kellu drittjiet ipotekarju kif fuq spejgat u kif kellu jigi spjegat u ppruvat matul it-trattazzjoni tal-kawza, kif konfermat dan mill-istima peritali prezentata mal-Atti tas-Subbasta numru 11/98.

Peress illi kienu jirrikorru r-rekwiziti kollha tal-“actio pauliana” kif kontemplata fl-Artikolu 1144 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Peress illi, bhala rizultat tal-agir abbusiv u illegali tal-konvenuti, il-Bank attur sofra danni, kif kellu jigi ppruvat fit-trattazzjoni tal-kawza.

Il-Bank attur talab lill-Qorti biex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-kirja allegatament maghmula minn P. Buffa & Company Limited tal-appartament u parti indiviza tal-partijiet komuni tal-blokk fuq imsemmija lill-konvenuta Catherine Grech Mallia saret bi frodi tad-drittijiet tal-Bank attur u ghalhekk hija annullabbli u konsegwentement ghandha tigi dikjarata nulla u mhassra.

2. Konsegwentement tordna li l-konvenuti Catherine Grech Mallia u Michelle Grech Mallia jizgumbraw mill-imsemmi appartement u partijiet komuni u jirritornawhom b’pussess vakanti lill-Bank attur fi zmien qasir u perentorju li tipprefiggi din il-Qorti.

3. Tiddikjara l-konvenuti solidalment responsabbli ghad-danni li sofra u ghad qed isofri l-Bank attur bhala rizultat bl-agir illegali tal-konvenuti.

4. Tillikwida l-istess danni jekk hemm bzonn permezz ta’ Periti Nominandi.

5. Tikkundanna l-konvenuti solidalment bejniethom ihallsu lill-Bank attur id-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, il-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mill-bank attur.

**B. ECCEZZJONIJIET:**

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta' Dr. Leslie Cuschieri u l-P.L. Hilda Ellul Mercer li eccepew:

Illi b'digriet tat-30 ta' April 2003 huma kienu gew nominati kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lis-socjeta` P. Buffa & Company Limited.

Illi b'din ic-citazzjoni kellhom jigu notifikati r-rapprezentanti ta' l-istess socjeta` P. Buffa & Company Limited f'Malta.

Illi huma ma kellhomx hjiel ma' min setghu jikkomunikaw in rapprezentanza ta' l-istess kumpanija, u ghalhekk ma kienux edotti mill-fatti tal-kaz odjern, u kienu qed jirriservaw li jeccepixxu ulterjorment.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u l-lista tax-xhieda prezentati mill-kuraturi deputati.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti Catherine Grech Mallia u Michelle Grech Mallia li eccepew:

1. Illi, in linea preliminari, l-azzjoni attrici kellha tigi dikjarata dezerta ai termini tal-artikolu 963 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Illi, in linea preliminari wkoll, izda minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-konvenuti kienu rrilevaw l-inkompetenza tal-Qorti ratione valoris, billi l-kirja in kwistjoni kellha valur ta' Lm120 fis-sena.

3. Illi in linea preliminari wkoll, izda minghajr pregudizzju ghall-ewwel zewg eccezzjonijiet preliminari fuq sollevati, l-azzjoni attrici kienet preskritta ai termini tal-artikoli 2153, 2154 u dispozizzjonijiet ohra rilevanti tal-ligi li tirregola l-istituzzjoni tal-preskrizzjoni.

4. Illi, in linea preliminari wkoll, izda minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-konvenuti kienu eccepew illi l-Bank attur

gja` akkwista l-beni kollha li kellha s-socjeta` konvenuta P. Buffa & Company Limited u l-garanti taghha, inkluzi wkoll l-appartament u l-partijiet komuni formanti l-meritu tal-kawza odjerna, liema proprjetajiet kien fihom valur reali li ghandu jissodisfa l-kreditu tal-Bank attur kontra l-istess socjeta` konvenuta, u fid-dawl ta' din il-premessa ghalhekk, il-konvenuti kienu eccepew l-eccezzjoni tal-eskussjoni fil-konfront tal-azzjoni attrici.

5. Illi, in linea preliminari wkoll, izda minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-konvenuti kienu eccepew illi l-Bank attur gja akkwista l-proprjeta` formanti l-meritu tal-kawza odjerna, bhala soggetta ghall-kirja vigenti favur il-konvenuta Catherine Grech Mallia, tant illi l-istess Bank attur akkwista din il-proprjeta` fis-16 ta' Novembru 2000 bil-prezz ridikolu ta' Lm18,000 u abbazi ta' valur peritali li ha kont tal-fatt illi l-istess proprjeta` kienet soggetta ghall-kirja vigenti dak iz-zmien.  Fid-dawl tal-premess, ghalhekk, it-talba attrici ghan-nullita` tal-istess kirja kienet insostenibbli skond il-ligi, kif kellu jigi ppruvat aktar dettaljatament fil-kors tat-trattazzjoni tal-kawza.

6. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-azzjoni attrici kienet f'kull kaz infondata fil-fatt u fid-dritt fuq il-meritu taghha, billi l-konvenuta Catherine Grech Mallia kienet tgawdi kirja valida u protetta skond il-ligi (Dokument CGM1 sa CGM 10) u ma kienx minnu li l-kirja in kwistjoni kienet giet ikkrejata favur il-konvenuta Catherine Grech Mallia bi frodi tad-drittijiet tal-Bank.

7. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-azzjoni attrici ghad-danni kienet daqstant insostenibbli billi ma huwiex minnu illi l-Bank attur sofra xi danni, rizultanti mill-kirja in kwistjoni u dwar proprjeta` illi giet akkwistata mill-Bank attur bil-mod hawn fuq spjegat u li sallum l-istess Bank attur ghadu proprjetarju tal-istess proprjeta` u dan kif kellu jigi ppruvat aktar dettaljatament fil-kors tal-proceduri odjerni.

8. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talba attrici ghad-danni fil-konfront tal-konvenuti kienet totalment infondata fil-fatt u fid-dritt, billi l-konvenuta Michelle Grech

Mallia qatt ma kienet involuta fil-kirja in ezami, filwaqt illi l-konvenuta Catherine Grech Mallia qatt ma kienet debitrici tas-socjeta` attrici oltre li qatt ma ghamlet xi ghemil in mala fede ossija bl-intenzjoni illi tiddefroda jew tikkawza xi danni lis-socjeta` attrici.

9. Illi minghajr pregudizzju ghal dak kollu eccepit, il-konvenuti rrizervaw id-dritt li jressqu l-eccezzjonijiet ulterjuri u opportuni taghhom fil-konfront tal-quantum tad-danni pretizi, wara li l-Bank attur ikun identifika l-valur tad-danni mitluba minnu f'din l-istanza.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, il-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mill-konvenuti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Illi l-kawza giet differita ghas-sentenza dwar it-tieni eccezzjoni tal-konvenuti Catherine Grech Mallia u Michelle Grech Mallia u cioe` l-inkompetenza ta' dina l-Onorabbli Qorti ***ratione valoris***, billi l-kirja in kwistjoni ghandha valur ta' Lm120 fis-sena.

Rat id-dikjarazzjoni tal-P.L. Jonathan de Maria in rappresentanza tal-bank attur.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-kuraturi deputati.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-konvenuti Catherine Grech Mallia u Michelle Grech.

Rat in-noti prezentati mill-partijiet.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

Il-kawza thalliet ghad-decizjonmi tal-Qorti fuq l-tieni eccezzoni tal-konventi Grech Mallia liema eccezzjoni hi

bazata fuq l-inkompetenza tal-Qorti ***ratione valoris*** billi l-kirja in kwistjoni ghandha valur ta' Lm120 fis-sena.

L-azzjoni attrici fiha diversi talbiet bl-ewwel talba biex issir dikjarazzjoni li l-kirja allegatament maghmula saret bi frodi tad-drittijiet tal-bank u ghalhekk hija annullabbli u li ntalab ukoll l-izgumbrament ta' Grech Mallia. Ukoll din hi azzjoni ghad-danni li sofra u qed isofri l-bank bhala rizultat tal-agir illegali tal-konvenuti Grech Mallia bit-talba ghal-likwidazzjoni u kundanna tal-istess danni.

Fit-trattazzjoni u noti l-konvenuti sostnew li minhabba l-ammont ta' kera li hija mitluba thallas kull sena skond il-ftehim tal-kirja, liema ammont huwa ta' mija u ghoxrin lira fis-sena, din il- kwistjoni ma taqax taht il-kompetenza ta' din il-Qorti.

Illi min-naha tieghu, il-Bank sostna li minhabba t-talba biex tigi impunjata l-kirja, il-Bank attur talab ukoll lil din il-Qorti tiddikjara li l-konvenuti huma responsabbli ghad-danni u talab ukoll ghal-likwidazzjoni ta' dawn id-danni u li ghalhekk il-valur tal-kwistjoni huwa wiehed indeterminat, li jaqbez il-kompetenza ta' Qorti ta' gurisdizzjoni limitata, skond ma jippreskrivi l-artikolu 747(1) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jaghti r-regoli ta' kif ghandha tithares il-kompetenza tal-Qrati f'cirkostanzi simili. L-artikolu 746 jispecifika li meta l-eccezzjoni tal-inkompetenza tiddependi mill-valur ta' oggett fil-kawza jridu jitharsu r-regoli li jsegwu u l-artikolu 747 isemmi li l-valur incert jew indeterminat ghandu dejjem jitqies li jaqbez il-kompetenza ta' Qorti ta' gurisdizzjoni limitata. Fis-subartikolu 2 tieghu jinghad li jitqiesu dejjem bhala li ghandhom valur li ma jistax jigi determinat il-kawzi elenkati fis-subartikoli a, b u c u fis-subartikolu c jinghad li fost dawk li l-valur taghhom ma jistax jigi determinat hemm il-kawzi li fihom il-valur tal-haga ma jirrizultax mit-talba tal-attur u anqas ma jista' jigi determinat bil-mod imsemmi fl-artikoli li jsegwu. Il-valur ta' immobbli jigi determinat mir-renta netta tas-sena multiplikata ghal 25 darba.

Fl- Artikolu 755 jinghad li:
“Fil- kawzi dwar l-ezistenza jew il-validita` ta’ kuntratti ta’ kiri, inkella dwar it-tmiem taghhom qabel iz-zmien miftiehem, il-valur jigi stabbilit
(a) fl-ewwel kaz, billi jinghad il-kera taz-zmien kollu li ghalih bhal ma tippretendi l-parti, il-kuntratt ghandu jibqa’ jsehh; u ...”

L-Artikolu 757(1) ighid hekk:
“Fil-kawzi msemmijin fl-ahhar zewg artikoli qabel dan, meta ma jigix allegat li l-kiri sar ghal zmien determinat, jekk il-kiri jkun ta’ bini, il-valur jigi determinat mis-somma tal-kera ta’ kull rata…..”

Il-Qorti trid tezamina sew x’ qeghdin jitolbu l-atturi u jekk dawn it-talbiet taghhom jaqghux taht is-setghat ta’ din il-Qorti biex tiddecidihom. Fil-kawza fl-ismijiet **Vincenzo Carabott et vs Av. Dottor John Gouder et noe** deciza fit- 30 ta’ April 1951 inghad illi:
“Bilkemm ghandu ghalfejn jinghad li jekk is-setgha ta’ din il- Qorti tohrog minn imqar wahda mit-talbiet tal-atturi, allura xejn ma jkun jiswa li fit-talbiet l-ohrajn mehuda individwalment, il-kompetenza tkun dik tal-qorti ta’ gurisdizzjoni limitata”.

Illi kieku din il-kawza kienet biss kawza ta’ zgumbrament tal-okupanti mill-fond residenzjali li qieghed taht kirja, il-valur kien ikun determinabbli. Kif inghad fil-fatt, fil-kawza fl-ismijiet **Arthur Vella et vs Michael Vella** deciza mill-Qorti ta’ l-Appell (Inferjuri) fis- 16 ta’ Gunju 1992,
“…….f’kawzi bazati fuq in-nuqqas ta’ “titolu” jew “minghajr titolu” gew dejjem meqjusa determinabbli ghall- finijiet ta’ kompetenza, b’ referenza ghall-ahhar “titolu” li ghalih il-fond kien assoggettat, u jinghata l-valur “lokatizju” tal-fond b’ referenza ghall-kera jew ir-renta li kienet tithallas l-ahhar, meta jkun il-kaz ta’ post mikri”.

Fil-kawza deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell tat-12 ta’ Frar 2001 fl-ismijiet **Pauline Mizzi et vs Concetta Key** inghad li:

“meta l- mertu ta’ xi talba attrici jkun ta’ valur indeterminat, il- Qrati Superjuri jkollhom is-setgha li jisimghu l-kawza, minkejja li xi talbiet ohrajn jaqghu fi hdan il- kompetenza tal- Qrati Inferjuri”.

Illi jekk wiehed ihares lejn il-premessi u t-talbiet tal-Bank attur, ma jidher imkien li hemm talba ta’ valur determinat jew determinabbli, u ma tissemma l-ebda cifra fir-rigward tad-danni li qed jintalbu li jigu likwidati.

Fil-kawza fl-ismijiet **Middle Sea Insurance p.l.c. vs The Cargo Handling Co. Ltd.** deciza fil-25 ta’ Settembru 2003 jinghad:

Illi għal dak li jirrigwarda l-aspetti ta’ dritt, jingħad li l-eċċezzjoni taħt eżami tintrabat ma’ dak li jipprovdi l-artikolu 741 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta. Huwa ċar li din tintrabat mal-paragrafu (b) tal-imsemmi artikolu flimkien mal-artikolu 746, li jirreferi għall-artikoli miġjubin warajh. Skond l-artikolu 747(1) tal-Kap 12, kawża ta’ valur inċert jew indeterminat titqies dejjem li taqbeż il-kompetenza tal-qorti ta’ ġurisdizzjoni limitata. Fost it-tliet ċirkostanzi li l-liġi ssemmi bħala kawżi ta’ valur indeterminabbli wieħed isib dawk il-kawżi li fihom il-valur tal-ħaġa ma jirriżultax mit-talba attriċi u lanqas jista’ jiġi determinat kif jingħad fl-artikoli l-oħrajn li jitkellmu dwar id-determinazzjoni tal-valur tal-kawża. Dan ifisser, mela, li jekk il-valur ma jissemmiex fit-talba attriċi ma jġibx, fih innifsu biss, li dik il-kawża hija waħda ta’ valur inċert jekk dak il-valur huwa determinabbli;

Illi, madankollu, jibqa’ l-fatt li fejn il-valur ta’ talba huwa inċert jew mhux determinat, il-Qorti xierqa biex tisma’ dik it-talba skond ir-rieda espressa tal-liġi hija din il-Qorti. Dan ukoll jagħmel parti mit-tifsira li taw il-Qrati tagħna għar-rigward, fejn ġie stabilit b’awtorita’ li l-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili (u mhux il-Qorti inferjuri) kienet kompetenti tisma’ l-kawża għax l-attur ressaq talba għal-likwidazzjoni ta’ danni…;

Illi huwa għalhekk li jingħad li, bħala regola, i-kompetenza tal-Qorti hija meqjusa fuq kollox u qabel kull

konsiderazzjoni tal-eċċezzjonijiet, mit-termini nfushom tat-talba attriċi billi huwa dak l-att promotur kif imressaq (bil-premessi u t-talbiet marbuta magħhom) li jiddefinixxi l-wisgħa u l-limiti tal-kompetenza tal-Qorti biex tisma' l-każ; …

Illi ngħad ukoll li meta l-mertu ta' xi talba attriċi jkun ta' valur indeterminat, il-Qrati Superjuri jkollhom is-setgħa li jisimgħu l-kawża, minkejja li xi talbiet oħrajn jaqgħu fi ħdan il-kompetenza tal-Qrati Inferjuri;

Illi, min-naħa l-oħra, l-liġi tgħid li l-valur ta' kawża huwa determinat mit-talba meta tali talba hija għall-ħlas ta' somma determinata. Il-kriterju tal-valur ta' kawża jistabilixxi quddiem liema Qorti għandha titressaq kawża, sakemm il-materja tal-kawża nnifisha ma tkunx waħda li tabilfors trid tinstama' minn Qorti partikolari: bl-artikolu 47 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta hija llum determinata wkoll il-kompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati. Dan l-artikolu jrid jinqara flimkien mal-artikolu 32(3) tal-istess Kodiċi;…"

Fil-kawza deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet **World Marketing Ltd. vs Information Technology Services Ltd.** fl-1 ta' April 2003 jinghad li:
Illi huwa għalhekk li jingħad li, bħala regola, l-kompetenza tal-Qorti hija meqjusa fuq kollox u qabel kull konsiderazzjoni tal-eċċezzjonijiet, mit-termini nfushom tat-talba attriċi billi huwa dak l-att promotur kif imressaq (bil-premessi u t-talbiet marbuta magħhom) li jiddefinixxi l-wisgħa u l-limiti tal-kompetenza tal-Qorti biex tisma' l-każ;

Illi l-imsemmija regola ewlenija hija komplimentata bl-oħra fejn jingħad li l-kwestjoni ta' kompetenza ma tkunx determinata biss minn dak li jingħad fl-azzjoni attriċi, imma wkoll minn dak li jressaq l-imħarrek bħala eċċezzjoni. Kemm hu hekk, fis-sentenza mogħtija minn din il-Qorti (diversament presjeduta) fil-5 ta' Novembru, 1992, fil-kawza fl-ismijiet *Ġużeppa Borġ vs Maria Mizzi et* ingħad li "għall-fini tad-determinazzjoni tal-kompetenza tal-Qorti, għandu jittieħed kont mhux biss tat-talbiet attriċi imma wkoll tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut";

Illi ngħad ukoll li meta l-mertu ta’ xi talba attriċi jkun ta’ valur indeterminat, il-Qrati superjuri jkollhom is-setgħa li jisimgħu l-kawża, minkejja li xi talbiet oħrajn jaqgħu fi ħdan il-kompetenza tal-Qrati inferjuri; …”

Fil- kawza fl-ismijiet **Francis Refalo noe vs Jason Azzopardi et** deciza mill-Qorti ta’ l- Appell fis- 7 ta’ Ottubru 1997 inghad li:
“hu l-att promotur kif intavolat, it-talbiet u l-premessi taghhom li jiffurmaw il-parametri li fihom il-Qorti kellha tezercita l-gudizzju taghha, u li allura jiddeterminaw il-kompetenza taghha”.

Illi din ir-regola hija komplimentata b’ohra fejn jinghad li l-kwistjoni ta’ kompetenza ma tkunx determinata biss minn dak li jinghad fl-azzjoni attrici, imma wkoll minn dak li jressaq l-imharrek bhala eccezzjoni (ara kawza fl-ismijiet **Anthony Zammit vs Joseph Ellul noe,** deciza mill-Qorti ta’ l-Appell Inferjuri fil- 31 ta’ Lulju 1996 u kawza fl-ismijiet **Giuzeppa Borg vs Maria Mizzi et,** deciza fil-5 ta’ Novembru 1992).

Gie deciz ukoll, fil-kawza fl-ismijiet **Raymond Young et vs Joseph Muscat et** mill-Qorti ta’ l-Appell Sede Inferjuri fit-22 ta’ Novembru 2001:
“Jezistu kazijiet…….fejn valur ikun incert jew indeterminat. F’ dak il- kaz is- subinciz 1 tal-artikolu 747 jipprovdi li “il-valur incert jew indeterminat jitqies dejjem li jaqbez il-kompetenza tal- Qorti ta’ gurisdizzjoni limitata”.

“Fil-kaz taht ezami kellu jkun car illi l-valur ta’ l-oggett fil-kawza mhux biss ma kienx determinabbli skond ir-regoli li l-istess Kodici ta’ Procedura jistabilixxi imma kien fin-natura tieghu indeterminat. Kien ghalhekk jezorbita mill-kompetenza ta’ Qorti b’gurisdizzjoni limitata… Kien mertu illi jaqa’ fil-kompetenza tal-Qrati ordinarji u cioe` tal-Prim Awla tal-Qorti Civili.”

## E. KONKLUZJONIJIET:

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti tichad it-tieni eccezzjoni tal-konvenuti, u tghid li din il-Qorti ghandha l-kompetenza li tisma' l-kawza.

Tiddiferixxi l-kawza ghall-kontinwazzjoni ghas-26 ta' Ottubru, 2005 fid-9.00 a.m.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------